# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Lulju, 2016

**Talba Nru: 159/2016 DMA**

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Cristina Norman**
**(ID. 401976M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' April, 2016 fl-ismijiet premessi fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jghati lis-Socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u erbghin ewro (€540) in konnesjsoni ma' servizzi fuq in-numru 79062119 (AC50653009).

Illi ftehim 10 ta’ Lulju, 2012 sar mas-Socjeta’ Mobisle Communications Ltd. Illi l-imsemmija socjeta’ Mobisle Communications Ltd. giet, b’effett mid-19 ta’ Dicembru, 2015, amalgamate fis-socjeta’ mittenti.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bl-ispejjez u d-drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 723/15, u bl-imghaxijiet legali sa mill-25 ta’ Mejju, 2015, data tal-imsemmija ittra ufficjali..

Il-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Charmaine Wifen ghas-socjeta' attrici li ‘kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont gie riducit bl-ammont ta’ sebghin ewro (€70), ghaldaqstant il-bilanc rimanenti jammonta ghal erba’ mija u sebghin Ewro (€470) ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' erba’ mija u sebghin Ewro (€470) bl-imghax legali mill-25 ta’ Mejju, 2015, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza u d-drittijiet inluzi dawk tal-ittra ufficjali 723/15 jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**